# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum il-Gimgha, 31 ta' Awissu, 2001**

**Appell Nru 98/2001 G**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Frankie Pisani**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Frankie Pisani talli fit-2 ta' Ottubru, 2000 ghall-habta tal-11.15 a.m. u fil-jiem ta' qabel (**1**) ezercita sengha w negozju ta' mastrudaxxa f'garaxx li jinsab fi Triq Falkun, Sannat, Ghawdex, minghajr licenzja ta' l-awtorita' kompetenti meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew minn regolamenti maghmulin mill-awtorita` kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi, u aktar (**2**) talli dejjaq lin-nies ta' madwar bi hsejjes jew storbju li kienu qed johorgu mill-imsemmi garaxx;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-2 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Frankie Pisani mit-tieni mputazzjoni, izda sabitu hati skond l-ewwel imputazzjoni u kkundanntu multa ta' hamsin lira (Lm50);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Frankie Pisani, minnu ppresentat fil-15 ta' Mejju, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li huwa jigi lliberat mill-ewwel imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Gunju, 2001; ikkunsidrat:

Jinghad bla tlaqliq li dana l-appell jirrazenta l-fieragh. L-appellant jikkontendi, bazikament, li dak li kien qed jaghmel fil-gurnata u fil-hin indikati fl-ewwel imputazzjoni ma kienx kolpit bl-Artikolu 181(1) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija peress li x-xoghol li kien qed jaghmel kien xoghol privat u personali ghalih u mhux intiz ghall-pubbliku in generali u bi qliegh. Mill-kumpless tal-provi jirrizulta sodisfacentement pruvat li x-xoghol ta' ghamara li kien qed isir

fil-post in kwistjoni kien ghal skopijiet kummercjali, ghalkemm ma hux eskluz li seta' kien hemm xi bicciet ta' ghamara li kienu ntizi ghad-dar ta' l-istess Pisani. Sinjifikattiva hija d-deposizzjoni ta' P.C. 863 Francis Grima:

"Meta staqsejt jien lil Pisani x-xoghol ghal minn kien, qalli: "Bicca ghalija u bicca mhux ghalija", jigifieri jien fhimt li l-"bicca mhux ghalija" fis-sens ghan-nies, jahdem ghal haddiehor…Kif diga ghidt meta kellimni l-appellant, huwa qalli li bicca mill-ghamara li kien jaghmel kienet ghalih u bicca ghal barra."

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti; anzi tiddikjara li tikkondividi pjenament dik il-konkluzzjoni.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur